MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Numru. 675/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Mercieca]**

**vs**

**Anthony Vassallo u**
**Clint Vassallo**

Kumpilazzjoni Numru: 675/2009

**Illum, 30 ta’ Novembru 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra

**Anthony Vassallo**, ta’ 61 sena, iben Paul u Anne nee’ Azzopardi, imwieled Rabat, Malta nhar id-09 ta’ Settembru, 1947 u li joqghod fil-fond ‘Casa Vassallo’, Triq

Hal Tartarni, Rabat, Malta, u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 825847 (M).

u

**Clint Vassallo**, ta' 23 sena, iben Anthony u Antonia nee' Ciangura, imwieled Pieta', nhar l-10 ta' Settembru, 1985 u li joqghod fil-fond 'Ring Leader Farm', Triq il-Buskett, Dingli u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 465985 (M).

Akkuzat talli fit-13 ta' Lulju, 2009, ghall-habta tal-11:00pm, fuq il-vapur M.V Malita, waqt li dan kien sorgut fil-port ta' l-Imgarr, fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex:
1. Attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b'hekk, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS 1434 Mario Mercieca u WPC 97 Margherita Aquilina, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.
2. Ikkagunaw griehi ta' natura gravi ai terminu ta' l-Artikolu 216 (1) (b) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta fuq il-persuna ta' PS 1434 Mario Mercieca, skond kif iccertifika Dr.Ramon Scerri M.D mill-Poliklinika tal-Mosta;
3. Ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' WPC 97 Margherita Aquilina, skond kif iccertifika Dr. J.C Abela M.D mill-Poliklinika tal-Floriana.
4. Ingurja u/jew hedded lill PS 1434 Mario Mercieca u/jew lill-persuni ohra;
5. Volontarjament kissru l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u/jew glied.

Rat l-artikoli 96, 214, 215, 216(1)(b), 221(1). 338(bb) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh nhar it-13 ta’ Lulju 2009 fuq il-vapur MV Malita waqt li dan kien sorgut fil-port ta’l-Imgarr Ghawdex ezattament qabel ma kien ser jitlaq lejn ic-Cirkewwa, Malta.

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma relattivament semplici. Dak in-nhar Ghawdex kien hemm tigrijiet taz-zwiemel in konnessjoni mal-festa ta’ San Gorg u kien hemm ukoll xi attivita tal-Pulizija in konnessjoni ma’ Police Day; ghadd ta’ pulizija kienu qed jirritornaw lura lejn Malta dak il-hin. Wahda minn dawn il-pulizija kienet WPC 302 Lorna Pulis; hija kienet ghada kif ipparkjat il-vettura taghha fuq il-vapur fil-post indikat lilha mill-persuni inkarigati ghal dan il-ghan mill-Gozo Channel. Maghha fil-vettura kien hemm zewg pulizija ohra: WPC97 Marghertita Aquilina u WPC36 Maria Zammit Ciantar; it-tlieta li huma kienu liebsin l-uniformi[1]. Hekk kif ipparkjat u kienu hergin mill-vettura, ipparkja immedjatament warajha l-imputat Antoine Vassallo; mieghu fil-vettura kien hemm martu Antonia Vassallo u certu Anthony Spagnol. Peress li mart l-imputat ma setghetx tohrog mil-vettura l-imputat saqsa lil WPC302 Lorna Pulis biex iccaqqlaq il-vettura taghha ftit ‘l quddiem; din dehrilha li setghtex, l-imputat mexxa l-vettura tieghu ftit ‘l quddiem u skond Pulis il-vettura ta’ l-imputat strahet mal-vettura taghha. Qamet diskussjoni bejn dawn iz-zewg persuni; l-imputat Antoine Vassallo issa kien hareg mill-vettura tieghu u beda risaq lejn Pulis. Sadattant PS1434 Mario Mercieca (akkompanjat minn ommu Anna Mercieca u mill-gharusa tieghu Kathleen Cardona) kien ghadu kemm ipparkja l-vettura tieghu u kien ser tiela’ t-tarag tal-vapur biex imur fil-cafetteria. PS1434 Mario Mercieca ukoll kien jifforma parti mill-banda tal-pulizija pero dak il-hin ma kienx liebes l-uniformi. Huwa sema’ l-ghajjat, hares, ra lill-imputat Antoine Vassallo sejjer fuq it-tlett kollegi tieghu u ghalhekk mar biex jara x’gara. Sfortunatament ma’l-intervent ta’ Mercieca s-sitwazzjoni

[1] Huma kienu jiffurmaw parti mill-banda u kienu liebsin l-uniformi li tintliebes mill-membri tal-banda waqt xi esebizzjoni.

minflok ikkalmat aktar sahnet u issa l-argument kompla bejn Antoine Vassallo u s-surgent Mercieca. Fil-garaxx tal-vapur dak il-hin kien hemm ukoll bin Antoine Vassallo, l-imputat l-iehor Clint Vassallo, flimkien ma xi tlett ihbieb tieghu; il-familja Vassallo fil-fatt kienet qeghda Ghawdex ghaliex l-imputat Clint Vassallo kien ippartecipa fit-tlielaq taz-zwiemel. Clint Vassallo kien ghadu kif ipparkja l-vettura tieghu, sema' l-ghajjat u ra lil missieru u lis-surgent Mercieca jargumentaw; resaq hu ukoll u intervjena f'dan l-argument li, ma dan l-intervent, spicca biex iddegenera fi glieda li kkoinvolgiet primarjament liz-zewg imputati Vassallo u lis-surgent Mercieca, bil-pulizija niesa, u l-familjari jew hbieb ta' Vassallo u Mercieca jindahlu biex jifirdu. F'dan l-incident is-surgent Mercieca garrab diversi griehi fil-waqt li WPC07 Margherita Aquilina u l-imputati ukoll garrbu xi griehi.

Ikkunsidrat

Illi f'dawn il-proceduri kienu diversi l-persuni li taw d-depozizzjoni taghhom, inkluz fosthom il-persuni kollha direttament koncernati f'dan l-incident.

Illi ta' min wiehed jirrileva mill-ewwel lil hemm kunflitt bejn il-verzjonijiet moghtija mill-pulizija koncernati u omm u l-gharusa tas-surgent Mercieca minn-naha u l-verzjonijiet moghtija mill-imputati, Antonia Vassallo u l-persuni li kienu qed jakkompanjawhom dak in-nhar min-naha l-ohra. Dan il-kunflitt jirrigwarda mhux biss id-dinamika ta'l-incident imma anke jekk is-surgent Mercieca identifikax lilu nnifsu bhala pulizija malli intervjena ma' Vassallo.

Illi t-tezi tal-prosekuzzjoni hi li malli intervjena PS1434 Mario Mercieca, Antoine Vassallo mhux talli rrifjuta li jikkalma, imma sar aktar aggressiv fil-konfront tas-surgent u anke imbottah; malli imbottah intervjena ukoll Clint Vassallo u fil-pront Antoine Vassallo qabad lis-surgent minn wara biex izommu fil-waqt li Clint Vassallo beda jaghtih daqqiet bil ponn. Meta raw hekk il-persuni kollha li kien hemm intervjenew biex ifferqu u f'dan l-intervent wegghet WPC97 Margherita Aquilina. Il-pulizija kollha koncernati kif ukoll it-tfajla u omm PS1343 Mario Mercieca

qalu li PS1343 Mario Mercieca identifika ruhu bhala surgent diversi drabi f’dan l-incident.

Illi min-naha l-ohra it-tezi ta’l-imputati hi li PS1343 f’l-ebda hin ma identifika lilu nnifsu bhala pulizija, u kien hu li aggredixxa l-ewwel lil Antoine Vassallo billi imbottah, mbaghad lil Clint Vassallo li da parti tieghu m’ghamel l-ebda intervent fil-konfront tas-surgent u li Antoine Vassallo kull m’ghamel kien li zamm lis-surgent biex ma jkompliex jaggredixxi lil ibnu.

Illi huwa ben stabbilit fis-sistema guridika taghna li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Il-Qorti ghandha tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f’xiex ghandha temmnu.

Illi fil-fehma tal-Qorti evalwazzjoni tal-provi kollha akkwiziti f’dan il-process ma tantx ghandu jhalli dubbji dwar liema verzjoni hija l-aktar verosimili u liema kienu x-xhieda l-aktar kredibbli partikolarment meta d-depozizzjonijiet jigu evalwati fid-dawl ta’ provi fattwali li hadd ma jista’ jinnega, partikolarment il-girehi li soffrew kull wiehed mill-persuni involuti, id-danni li kellha il-karozza ta’l-imputat Antoine Vassallo u minn halla impronti fuq din il-vettura.

Illi Antoine Vassallo, f’l-istqarrija tieghu moqrija u konfermata bil-gurament waqt id-depozizzjoni tieghu, qal li s-surgent ”beda jhabbat u jaqbez fuq il-bonnett... u beda jghati bil-ponn fuq il-bonnett” tieghu (cioe ta’ Antoine Vassallo). Pero  jekk wiehed jara ir-ritratti tal-vettura mehuda ftit sieghat wara l-incident ma jidher l-ebda sinjal li jikkorobora dak li qal Vassallo. Verament fil-genb tal-vettura, mal-bieba ta’ quddiem, kien hemm daqqa pero fuq il-bonnett ma kienx hemm  daqqiet jew brizx jew xi danni ohra. Aktar minn hekk l-unici impronti li gew identifikati mill-lifters mehuda minn fuq din il-vettura irrizultaw li huma ta’l-imputati u mhux tas-surgent Mercieca

Illi saret certa emfasi mid-difieza (anke fis-sottomissjonijiet) dwar il-fatt li skond l-imputati u diversi

xhieda ohra, is-surgent kien liebes ”flok tac-cingi u huwa mimli tpingija[2]”. Jibda biex jinghad li l-mod kif dawn ix-xhieda irreferew ghal dan il-flok li kien liebes l-imputat kien jimplika li qiesu kien liebes xi haga inappropjata. In oltre taw l-impressjoni, li kellhu hafna tattoos. In atti hemm ritratti ta’ PS 1343 Mario Mercieca mehudin ftit wara l-incident, ritratti mehudin id-depot tal-Pulizija. Minn dawn ir-ritratti Mercieca jidher liebes flok normalissimu u minn dik it-tpingija kollha li ra Antoine Vassallo u x-xhieda l-ohra, tidher tattoo wahda li di piu min-naha ta’ quddiem bil-kemm tidher.

Illi minn dawn ir-ritratti jidhru ukoll il-griehi li soffra Mercieca. Dawn il-griehi huma kompatibbli mad-dinamika ta’l-incident kif mghotija fil-verzjoni tieghu u l-pulizija niesa u (dawn il-griehi) jikkontradicu dak li qalu l-imputati u hbiebhom. Huma jinnegaw li xi hadd tah daqqa ta’ ponn u jghidu li l-griehi li soffra f’wiccu ma setghux gew kawzati minn daqqa ta’ ponn imma probabbliment mic-cappetta li kien liebes Antoine Vassallo. F’l-ewwel lok, f’dan ir-rigward, jigi rilevat li Mercieca ma soffriex griehi biss f’wiccu imma anke f’mohhu u mir-ritratti esebieti jidher car li d-daqqa fuq mohh Mercieca tista facilment tkun rizultat ta’ daqqa ta’ ponn. Il-Qorti tikkondiviedi il-fehma li l-griehi f’wicc Mercieca gew ikkawzati minn xi cappetta pero dan ma jfissirx li Mercieca ma qalax daqqa ta’ ponn. Inoltre dwar il-griehi fuq wicc Mercieca (man-naha tax-xellug ta’ wiccu) wiehed ma jistax ma jinnutax li Clint Vassallo, li ukoll gie fotografat mill-pulizija ukoll u mir-ritratti jidher li hu ukoll kien liebes cappetta f’idu il-leminija. Fil-fehma tal-Qorti huwa aktar probabbli li dawn il-griehi kkawahom hu ukoll meta kien qed ifajjar id-daqqiet fid-direzzjoni ta’ Mercieca b’idu ix-xellugija waqt li missieru kien qed izomm lil Mercieca.

Illi dwar il-fatt jekk is-surgent Mercieca identifikax ruhu bhala tali meta itervjena f’din it-taqbida il-Qorti ma tarax ghaliex m’ghandhiex taghti affidabililta lill-verzjoni ta’l-istess surgent u t-tlett pulizija niesa kif ukoll lil ommu u lit-

[2] Dan huwa l-mod kif gie deskritt Mercieca minn Antoine Vaassallo f’l-istqarrija tieghu li huwa kkonferma taht gurament waqt id-depozizzjoni tieghu..

tfajla tieghu li del resto kienu kredibbli f'kull aspett iehor tad-depozizzjoni taghhom.

Illi dwar il-griehi li soffrew Mercieca u Aquilina hemm certifikati medici li gew konfermati b'gurament mit-tabib li rrilaxxja kull wiehed minnhom meta kull wiehed minn dawn it-tobba ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti, u fil-kaz ta' Mercieca jidhru mir-ritratti ukoll.

Illi fid-dawl tas-suepost l-Qorti hija sodisfatta li l-imputazzjonijijet kollha migjuba kontra l-imputati gew pruvati fil-grad rikjest mill-Ligi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati min-naha u l-fedina penali taghhom li ghalkemm niex netta lanqas m'hi allarmanti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 96, 214, 215, 216(1)(b), 221(1), 222(1)(c), 338(bb) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u tikkundannahom sitt (6) prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-impuati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------